MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2012

Numru. 492/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**

**vs**

**Jimmy Falzon ta’ 33 sena, bin Carmelo u Eva nee` Pace, imwieled Pieta` fil-25/05/1978, residenti Blk 1, Flt 4, Triq il-Gnien, Santa Lucija u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 318678M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli nhar id-29 ta’ Lulju 2011 f’xi hin wara nofsinhar gewwa MonteKristo Beverages sitwata gewwa MonteKristo Estate, Triq Hal-Farrug, Luqa:

1. Bhala haddiem jew impjegat li dahal f’dan l-istabbiliment minhabba S-sengha, professjoni jew impjieg tieghu, ikkommetta serq ta’ flus kontanti, liema serq huwa

kkwaifikat bil-Mezz, bil-Valur li ma jeccedix €2329.37 kif ukoll bil-Persuna ghad-detriment ta' Carmel Polidano u/jew persuna ohra.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikjrija tal-imputat, il-fatt illi l-imputat iddispjacieh ghal dak li ghamel u rritorna l-flus mehuda minnu. Illi ghalkemm l-imputat diga gie ikkundannat fuq akkuzi simili izda dan sehh fl-2001 u minn dak iz-zmien lil hawn l-imputat qatt ma rega' xellef dufrejgh mal-gustizzja hlief ghal dan il-kaz. Ghaldaqstant piena karcerarja ma hijiex idoneja.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(b)(c), 263, u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta' Malta qed tillibera lil hati bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta' liberta taht kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------